**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 3 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 753/02 AJD**

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Desmond Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm661.23), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici, skond Client Contract Number 4070 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici fix-xhur bejn Gunju u Dicembru, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar, 2002, dawk tal-mandatta' sekwestru prezentat mal-Avviz tat-Talba u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Nicolai Muscat Farrugia, ghas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm661.23), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Frar, 2002, u dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentata mal-Avviz tat-Talba, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**